MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 2074/2004/1

**Lawrence Montebello**

**vs**

**Reuben Attard**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm644.40) rapprezentanti danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident li sehh fit-13 ta April 2002 ghall-habta ta' 3.25am gewwa St. Andrew's Road, San Giljan bejn il-vettura propjeta' tal-

attur bin-numru tar-registrazzjoni IAO 929 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni JAA 683, liema ncident kien jifforma l-mertu tas-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-15 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet SMS Insurance Agency Limited nomine vs Mark Montebello (Avviz Numru 2113/02) illi ddecidiet definittivament li l-imsemmi Montebello, li kien qed isuq il-vettura tal-attur fil-hin tal-incident de quo, ma kienx responsabbli ghall-incident de quo. B'danakollu minkejja li l-konvenut odjern gie nterpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 2004 li giet notifikata wkoll lis-socjeta' assikuratrici tieghu, SMS Insurance Agency Limited, huwa baqa' inadempjenti.
Bl-ipsejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 2004, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li qed tigi prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' SMS Insurance Agency Limited u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenut ma jahti xejn ghall-incident mertu tal-kawza.

Illi s-sentenza citata ma sabitx lill-esponenti responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u fil-fatt l-ispejjes tal-kawza thallsu mighajr taxxa bejn il-partijiet.

Illi m'huwiex il-kaz li l-ewwel sentenza iddecidiet definittivament li Mark Montebello ma kienx responsabbli ghall-incident de quo. Fil-fatt l-istess sentenza tipprovdi espressament li "l-konvenut seta' kien imprudenti meta b'certu velocita' immanuvra l-kisra u sab lill-assikurat tal-attur qed idur".

Ra d-digriet tal-11 ta Frar 2005 fejn giet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza bl-Avviz Numru 2113/02 JB deciza fil-15 ta' Dicembru 2003.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi t-talba tal-attur fil-kawza odjerna tirrigwarda danni kawzati fil-vettura bin-numru ta-registrazzjoni IAO 929 propjeta’ tal-attur fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta April 2002 waqt li l-imsemmija vettura kienet qed tinstaq minn Mark Montebello u habtet ma’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAA 683 li kienet misjuqa mill-konvenut.

Fl-Avviz tat-Talba issir referenza ghal sentenza ta’ dan it-Tribunal kif diversament presjedut tal-15 ta Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet SMS Insurance Agency Limited vs Mark Montebello u fil-fatt l-atti tal-imsemmija kawza gew allegati ma’ dawk tal-kawza odjerna. Il-mertu tal-imsemmija kawza kien jirrigwarda l-istess incident awtomobilistiku ghalkemm il-partjiet ma kienux l-istess peress li l-konvenut odjern kien assikurat taht polza *comprehensive* u ghalhekk l-assikurazzjoni tieghu kienet giet surrogata fid-drittijiet tiehgu u l-kawza kienet giet intavolata kontra Mark Montebello u mhux kontra l-attur odjern peress li kien dan Mark Montebello li kien qed isuq il-vettura fil-hin tal-incident.

Fl-imsemmija sentenza it-talbiet attrici kienu gew michuda peress li gie ritenut li l-attur f’dik il-kawza ma kienx prova soddisfacentement, kif kellu l-oneru li jaghmel bhala attur, li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.

Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-imsemmija sentenza u huwa tal-fehma li ma jistghax jerga jiddeciedi dwar il-kwistjoni ta’ responsabilita’ ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta’ April 2002 stante li l-kwistjoni tar-responsabilita’ ghal dan l-incident diga’ ghaddiet in gudikat. F’din il-kawza l-attur odjern qed jipretendi li dan it-Tribunal abbazi tal-provi prodotti fl-ewwel kawza jerga jiddeciedi dwar il-kwstjoni tar-responsabilita. Irid jigi rilevat li fl-ewwel kawza it-Tribunal iddecieda li l-attur f’dik il-kawza ma kienx prova li Mark Montebello kien responsabblli ghall-incident izda ma ddecidiex li Reuben Attard kien responsabbli. Dan it-Tribunal ghalhekk ma jistghax abbazi tal-istess provi prodotti fl-ewwel kawza jerga’ jigi mitlub jiddeciedi dwar il-kwistjoni ta’

responsabilita’ stante li din il-kwistjoni diga’ giet finalment deciza minn dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet SMS Insurance Agency Limited vs Mark Montebello.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes.”

Fil-konfront ta’ din is-sentenza l-attur jipprocedi b’ appell f’ dan is-sens:-

1. B’ referenza ghad-decizjoni tat-Tribunal tal-15 ta’ April 2003 fil-kawza fl-ismijiet “SMS Insurance Agency Ltd *nomine* -vs- Mark Montebello” (Nru. 2113/2002), una volta l-konvenut hemmhekk ma giex dikjarat responsabbli ghall-incident, allura t-Tribunal issa adit fl-odjerna istanza messu laqa’ t-talba tieghu ghall-hlas tad-danni anke minghajr investigazzjoni *ex novo* tal-punt tar-responsabilita’;
2. Jekk dik il-kawza l-ohra ma ddecedietx il-kwestjoni tar-responsabilita`, kien jinkombi fuq it-Tribunal li jindaga dwarha;
3. F’ kull kaz, ghad-decizjoni dwar it-talba ghad-danni proposta minnu, it-Tribunal kien tenut jirriezamina l-kwestjoni ta’ min kien fi htija ghall-incident u mhux sempliciment jidderimi l-vertenza bil-motivazzjoni li dik il-kwestjoni kienet ghaddiet in gudikat bis-sahha tad-decizjoni l-ohra. F’ dan il-kuntest jissottometti li lanqas kienu jezistu l-kostitutivi tar-*res judicata* jew li din kellha titqajjem *marte proprio* mit-Tribunal;

Elenkati dawn l-ilmenti fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata, hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-kwestjoni involuta giet forsi inutilment komplikata fis-sentenza bir-rikorrenza ghal kuncett tal-gudikat u li strettament, ma kienx mehtieg li jsir fil-fattispeci;

Bazikament, il-fatti tal-kaz kienu dawn:-

1. L-attur ippremetta, preordinatament ghad-domanda tieghu ghall-hlas tad-danni, il-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal, diversament presjedut, relattivament ghall-istess identiku incident awtomobilistiku tat-13 ta' April, 2002, u li fih kienu ko-involti ibnu, Mark Montebello, konvenut fil-kawza l-ohra, u l-konvenut, attur fil-kaz l-iehor;

2. Fid-desposizzjoni tieghu (fol. 8) l-attur illimita ruhu ghad-dikjarazzjoni u spjega dwar l-ammont tad-danni sofferti fil-vettura proprjeta` tieghu. Ghal dik li hi responsabilita` ghall-incident, l-istess avviz promotur tieghu jitlaq mill-punt illi fil-kawza l-ohra, deciza fil-15 ta' Dicembru, 2003, ibnu gie dikjarat mhux responsabbli ghall-istess incident. Konsegwentement, fuq dan is-suggett, fl-istanza odjerna, ma tressqu mill-attur ebda provi godda;

Ma jista' jkun hemm ebda kwestjoni illi, in vista tal-kawzali, kif koncepita, dak li kellu jigi affrontat mit-Tribunal kellu jkun cirkoskritt ghall-interpretazzjoni tad-decizjoni tal-15 ta' Dicembru 2003 moghtija mit-Tribunal l-iehor fil-kawza bejn iz-zewg konducenti involuti fl-istess incident awtomobilistiku. Dan kellu jkun bil-wisq ovvju una volta l-kawzali stabbilita fl-avviz, ossija l-*causa petendi* ta' l-azzjoni ta' l-attur, kienet proprju dik id-decizjoni l-ohra;

Premess dan, huwa pacifikament accettat illi r-regoli ta' l-interpretazzjoni tal-ligijiet, tal-kuntratti jew tat-testmenti japplikaw ugwalment ghall-interpretazzjoni tas-sentenzi. Ghall-precizazzjoni, jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a **Vol. XXIV P I p 137** illi, "*per riconoscere il vero portato di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale è anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato, e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo` essere ristretto dalle considerazioni che la*

*motivarono*."  Fi kliem iehor il-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat. (Ara **Kollez. Vol. XXX  P I  p 131** u **Vol. LI  P I  p 325**);

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza tat-Tribunal tal-15 ta' Dicembru 2003 u, similment bhal fil-kaz prospettat fl-accennati decizjonijiet, issib li anke f' din is-sentenza si trattava ta' cahda jew akkoljiment ta' talba jew ta' ecezzjoni bi kliem generiku u, konsegwentement, dawn kienu jirrikjedu s-sussidju ta' riferiment ghall-konsiderandi jew motivazzjoni biex jigi ccarat u spjegat l-import tad-dispositiv;

Issa mill-ezami tal-parti razzjonali ta' dik is-sentenza jirrizulta kjarament li fil-fehma ta' dak it-Tribunal, filwaqt li kkonstata wkoll illi iben l-attur odjern seta' kien imprudenti fil-mod tas-sewqan tieghu, irraguna li ghalih iz-zewg versjonijiet suppliti mill-kontendenti kienu possibbli jew verosimili.  Ghaldaqstant ghadda biex applika l-principju *actore non probante, reus absolvitur* u cahad it-talba.  F' dan ma hemm xejn straordinarju billi l-principju hu ormai ben assodat f' kazijiet konsimili.  Ara f' dan is-sens, fost ohrajn, "**Joseph Rausi *nomine* -vs- John Muscat**, Appell, 22 ta' Novembru, 1995 u "**George Mifsud *nomine* -vs- Philip Micallef**", Appell, Sede Inferjuri, 1 ta' Lulju, 1997;

Jitnissel minn dan illi l-ezercizzju interpretattiv tas-sentenza ezaminata kellu logikament iwassal biex iben l-attur prezenti ma giex dikjarat eskulpat ghal kollox mir-responsabilita`.  Li jfisser ukoll illi l-pretiza ta' l-appellant ghall-hlas tad-danni ma kellhiex titqies *sic et sempliciter* xi ezitu awtomatiku ta' dak biss li jinghad fil-dispositiv tas-sentenza imma, se mai ukoll, mis-sussistenza li dak id-dispositiv kellu jircievi mill-ispjegazzjoni fil-parti konsiderativa taghha.  Minn din il-perspettiva l-fondament tad-domanda attrici f' dan il-kaz ma kien jibqalu ebda

sostenn. Una volta dan qed jigi hekk determinat, l-appellant ma setax fil-gudizzju ghal-likwidazzjoni tal-kwantum tad-danni jipprexxindi minn dik il-motivazzjoni fis-sentenza ezaminata u nterpretata, hekk minnu stess migjuba ‘l quddiem bhala l-bazi u l-legittimita` tad-dritt minnu pretiz. F’ dan is-sens it-Tribunal ma kellux htiega li jirrikorri ghall-kuncett tal-gudikat u ghall-prekluzivita` ta’ accertament gdid tal-fatti ta’ l-incident, imma kien jibbasta li jtenni, anke in vista ta’ l-assenza ta’ provi godda, illi l-kawzali ta’ l-attur ma kienetx sorretta b’ dik is-sentenza;

*Rebus sic stantibus*, minn dak li nghad, ma kien la koerenti u lanqas guridikament prattiku illi terga tigi ri-investita l-kwestjoni tar-responsabilita`. Kieku tabilhaqq *ex ipotesi* dik is-sentenza ddikjarat ir-responsabilita` tal-konvenut appellat ma kienx ikun hemm kwestjoni illi l-kundanna ghall-hlas issegwi inezorabilment. Ic-cirkostanzi partikulari tal-kaz prezenti, kif fuq manifest, ma kienux jikkonducu ghal dan;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tintrattjeni ruhha fuq l-ezami ta’ l-aggravji ipotetici l-ohra proposti mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u l-konkluzjoni fis-sentenza appellata, konfermata, anke jekk issa ghal riflessjonijiet xort’ ohra minn dawk tat-Tribunal. L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew ukoll mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------